MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1223/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Brenda Orsini**
**(ID: 46665M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Brenda Orsini** talli nhar is-6 ta' Dicembru 2014 minn gewwa ir-residenza bl-isem ta' Des Mais li tinsab fi Triq il-Pedidalwett Swieqi, ikkommettiet serq ta' zewg gizirajjen tad-deheb, liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin

Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-persuna u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Susanne Jutta Herold.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li l-imputata ammettiet ghall-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikkonsidra l-posizzjoni taghha u fehmitha l-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jitratta dwar il-piena;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; u ghalhekk din hija sodisfacjentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata u cioe li serqet mid-dar fejn kienet tahdem bhala seftura u kif ukoll il-fedina penali taghha li ma jistghax jinghad li hija xi wahda

refrettarja. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputata mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, illi r-*res furtiva* giet ritornata lill-Pulizija u li l-imputata hallset lura l-flus li kienet irceviet meta hija bieghhet l-istess *res furtiva* lil hanut tal-gojjellerija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 267, 268, 269, 279 (2) (b) u 280 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata **Brenda Orsini** hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghal piena ta' **tmintax (18)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlett (3) snin mill-lum.**

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tlett (3) snin.

Il-Qorti qieghdha wkoll tpoggi lill-imputata Brenda Orsini taht Ordni ta' Supervizjoni ai termini tal-artikolu 28 (G) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum u dan skond il-kundizzjonijiet annessi ma' din is-sentenza u li jiffurmaw parti integrali minnha.

Il-Qorti qieghdha wkoll tipprovdi ghas-sigurta` ta' Susanne Jutta Herold billi torbot lill-imputata taht penali ta' hames mitt ewro (€500) ghal perjodu ta' sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qieghdha wkoll tikkundanna lill-imputata sabiex ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta thallas l-ispejjez kollha tal-esperti jew periti li gew nominati fil-kors tal-inkjesta magisterjali, la darba dawn l-ispejjez jigu kwantifikati.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti u Tribunali Kriminali sabiex jigbor l-ispejjez dwar il-hatra ta' esperti u kif ukoll lid-Direttur tal-Probation u Parole.

Fl-ahharnett il-Qorti tordna li  ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------